KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

Minuti tal-Laqgħa Numru 31 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fit-7.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35p.m | 9.15p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30p.m. | 9.15p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.45p.m | 9.15p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30p.m. | 9.15p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 8.30p.m. | 9.15p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35p.m. | 9.15p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.45p.m. | 9.15p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.03p.m. | 9.15p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa

**1.00 (a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Numru 30 tal-21 ta' Novembru, 2013**

Il-Minuti tat-30 Laqgħa, tal-Ħamis 21 ta' Novembru, 2013 kienu ntbgħatu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Kien hemm emenda għal *item* Nru. 90 fejn riedet tiżdied attivita' li kienet approvata mill-Kunsill kif ġej :

Brass Band mis-Soċjeta Filarmonika Santa Marija. Il-Kunsill iħallas għall-ispejjeż li jkollha tagħmel din is-Socjeta biex ittella' din l-attivita'.

**2.00 Punti mqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsillier Alex Muscat irrakkomanda li xi triq fil-Mosta għandha tissemma għall-ex Ministru Freddie Micallef li kien politiku u li għamel unur lill-Mosta.

Is-Sindku qalet li sa issa il-Kunsill kien iddeċieda li jsemmi triq għall-Arċipriet li kien hemm fi żmien l-Ewwel Kungress Ewkaristiku. Din id-deċiżjoni kienet ġiet diskussa mill-Kunsill f'xi laqgħat preċedenti. Għalhekk kien hemm prijorita' li l-ewwel tissemma din it-Triq umbgħad jissemmew toroq oħra.

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa dwar x'kienu l-kuntatti u r-relazjonijiet mal-ibliet ġemellati mal-Mosta jiġifieri Millbrae (USA) u Ragusa (Sqallija, Italja). Huwa staqsa jekk ir-relazjonijiet kienux attivi. Is-Sindku, Dott. Shirley Farrugia irrispondiet li ma' Ragusa dejjem kien hemm kuntatti

b'saħħithom ħafna speċjalment fuq programmi tal-Ewropa. Ma' Millbrae ma kienx hemm relazjonijiet attivi u dan l-aktar minħabba d-distanzi bejn Malta u California (USA).

Il-Kunsillier Alex Muscat irrefera għall-onorarja (allowance) tal-Kunsilliera. Huwa staqsa jekk il-liġi kienetx tgħid li din għandha titħallas skont l-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqghat tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrisponda li iva hekk kienet tgħid il-liġi.

Is-Sindku talbet lis-Sur Muscat li huwa l-*minority leader* sabiex javża li l-irwol tal-kunsilliera tal-PL fid-dmir li jattendu għal-laqghat tal-Kunsill.

## 3.00 Materji Finanzjarji

**a) Lista ta' Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament il-lista tal-pagamenti Nru: 20 għall-ammont ta' €65,956.10 kif ippreżentata. Lista annessa ma' dawn il-minuti.

**(b) Lista tal-*Works Orders***

Il-lista tal-*works orders* ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma' dawn il-minuti.

**c) Lista tal-*Purchase Orders***

Il-lista tal-*purchase orders* ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma' dawn il-minuti.

**d) Lista ta' Depożiti**

Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Depożiti. Lista annessa ma' dawn il-minuti kif preżentata.

**(e) *Performance Bonus – Staff & Acting Executive Secretary***

Is-Sindku talbet li jiġi deċiż il-*performance bonus* għas-sena 2013 għall-impjegati tal-Kunsill; is-Sinjura Nadia Micallef Camilleri, is-Sur Chris Camilleri, is-Sinjura Lorraine Zammit Tabone, s-Sinjorina Rita Galea u s-Sinjorina Candice Zarb; kif ukoll għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur John J. Camilleri. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li jingħata il-massimu ta' 6% lill-impjegati u l-massimu ta' 10% lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv .

Is-Sindku ġiet awtorizzata tibgħat *appraisal report* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

***(f) Adjustment Tax Payment regarding councillors allowances***

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm bżonn ukoll li jsiru xi aġġustamenti fit-taxxa li għandha titħallas mill-Kunsilliera. Dwar dan kien qed jieħu ħsieb l-*accountant* il-ġdid li għadu kif ġie maħtur mill-Kunsill, is-Sur Daniel Galea. Dan ġie approvat unanimament.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata l-lista ta' tliet korrispondenzi. Ara lista annessa bid-deċiżjonijiet mittieħda. Dwar it-talba tal-ex-kuntrattur Marco Briffa sabiex jingħata ħlas ta' meta ħadem *extra* u li skont hu ma kienx ħa dawn is-siegħat *extra* bħala *time off in lieu*. Ġie spjegat li dan il-kuntrattur kellu ftehim mas-Segretarju Eżekuttiv li meta jaħdem *extra* jieħu *time off* u mhux jitħallas *extra*. Għalhekk dan il-kuntrattur kien imur jagħmel il-qadi tiegħu (bħal funeral, sptar, etc) waqt il-ħin tax-xogħol u bħala

kuntrattur huwa ma kienx suppost jitħallas meta ma jkunx għax-xogħol u għalhekk dan kien jgħodd bħala *time-off* u jikkumpensa għal meta ħadem *extra*. Is-Segretarju qal li huwa dejjem mexa bl-irġulija maż-żewġt kuntratturi (handymen) għaliex ma kienx possibli jagħmilha ta' pulizija magħhom.

Intalbet Votazzjoni. It-talba tas-Sur Briffa ma gietx milqugħa b'żewġ voti kontra sitta. Is-Sinjuri Muscat u Sammut ivvotaw favur li jingħata l-kumpens filwaqt li s-sitt kunsilliera l-oħra preżenti vvutaw kontra.

**5.00 Kwotazzjonijiet**

**a) *Quotation for the Restoration of Maintenance on Boundary Wall at Triq l-Isperanza Mosta under Measure 323.***

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia qrat it-*Technical Report* tal-Perit u sar qbil unanimu li dan ix-xogħol jingħata lis-Sur Stubbings wara li jiġu ċċarati xi affarijiet mill-Perit.

b) Proposta ta' Bejgħ tal-*Motor Scooter* li ma jintużax

Sar qbil unanimu li l-*Motor Scooter* tal-Kunsill (li huwa ggaraxxjat) jinbiegħ bl-aħjar offerta u dan jinqata' mill-assi tal-Kunsill.

**6.00 Affarijiet Oħra**

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk il-Parkour li sar fil-Ġnien tal-Blata l-Għolja kellux il-permessi tal-Mepa. Is-Sindku irrispondiet li kienet saret applikazzjoni u din issa ġiet approvata.

Gie deċiż li jiltaqa' l-Kumitat tal-Batterija tat-Tarġa sabiex jiddeċiedi kemm ser tkun il-parti tal-era li għandhom iħalsu l-Iscouts.

Gie nnotat li d-Dipartiment tal-Artijiet kien naqqas l-kera li l-Kunsill għandu jħallas għal din il-Batterija.

**7.00 Aġġornament**

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 30 ta' Jannar, 2014 fis-7.30 p.m.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv